**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 01/21**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 18 ta' Jannar 2021 |
| **Ħin:** | 5:47pm |
| **Post:** | Online |

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (Miss-18:16hrs)
Amanda Abela- Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier (Mis-18:03hrs)
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **01.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **01.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **01.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **01.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **01.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **01.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **01.07** | ***Performance Bonuses*;** |
| **01.08** | **Rapporti ta' ħidma;** |
| **01.09** | **Xogħlijiet;** |
| **01.10** | **Deċizjonijiet dwar attivitajiet tal-Kunsill;** |
| **01.11** | **Ġardinara;** |
| **01.12** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **01.13** | **Mozzjonijiet; u** |
| **01.14** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**01. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri x'jinqraw. | |

**01. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Baldacchino<br>Sekondant: Caruana | Il-Minuti 11/20 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**01. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2 5 | 11.02.04 | Sindku: *Slow Streets* u *European Mobility Week* | Is-Sindku qalet li wara li ltqajna magħhom fid-9 ta' Jannar, bdew bil-proġett u għaddiet kopja tar-rapport. Applikajna għall-fondi biex isiru wkoll il-*Bike Racks.* Qed nistennew li jiġu approvati. | Sindku / Fenech |
| 01. 2 6 | 11.02.06 | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku qalet li c-civil works, l-art u rubber flooring, huwa lest. Sibna problema mill-kuntrattur. It-tagħmir ġej mill-Portugal pero sibna ntopp u ser jasal sa Frar u għandu jsir id-dawl, jiġu nstallati l-kameras u tabelli. | Sindku / Fenech |

Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 7 | 11.02.11 | Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li din it-triq tlestiet jumejn qabel il-Milied, tkomplew il-ġnubijiet u ser ssir biċċa bankina tal-konkos fuq naħa waħda.Twessat l-aħħar karreġjata direzzjoni lejn Bir id-Deheb. Il-monument l-antik tkisser u hemm il-ħsieb li jerġa jsir ieħor. Caruana Ray staqsa dwar jekk hux ser isiru barrikati. Is-Sindku qalet li diġa tkellmet mal-perita dwar dan. Irringrazzjat lill-Gvern Ċentrali u IM. | Sindku |
| 01. | 2 | 8 | 11.02.13 | Sindku: Triq l-Isqof Emm. Galea | Is-Sindku qalet li applikajna għal aħħar biċċa One-Way u ġiet approvata minn TM. Ġew infurmati r-residenti u kellna żewġ ilmenti mingħand omm u t-tifel tagħha. Ser nitolbu sabiexisiru u jiġu mwaħħla t-tabelli. | Sindku / Caruana Ray |
| 01. | 2 | 9 | 11.02.16 | Sindku: Olive Twist | Is-Sindku qalet li bagħtna d-DNO mill-perit u ġiet aċċettata u dan il-proġett ser isir fir-roundabout ta' Bir id-Deheb. | Sindku / Chircop |
| 01. | 2 | 10 | 11.03.11 | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li l-aħħar li tkellimna mas-Sur Ivan Falzon, il-wegħda tagħhom żammewha għax bdew inaddfu u jnaqqsu l-periklu u f'nofs Frar ser jibda x-xogħol mill-kuntrattur il-ġdid biex finalment isir it-tarmak. Raymond staqsa minħabba l-problema li r-residenti ta' Strejnu ser ikollom sabiex joħorġu mir-residenti tagħhom peress li qed jitħaffer kanal ieħor li ser jagħlaq l-aċċess. Is-Sindku ser titkellem mas-CEO tal-WSC. | Sindku |
| 01. | 2 | 11 | 11.03.02 | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li x-xogħol kważi lest, sar ħafna xogħol u tixtieq li qabel jinfetaħ, il-ġnien ikun kundizzjoni tajba. | Sindku |
| 01. | 2 | 12 | 11.03.08 | Sindku: Talba li l-Paroċċa tingħata titlu ta' Pro-Katidral | Is-Sindku qalet li din it-talba għaddiet lill-Arċipriet u dan għandu jgħaddiha lill-Arċisqof u rċivejna konferma li din waslet. | Sindku |
| 01. | 2 | 13 | | Sindku: Laqgħa mal-Onor. Miriam Dalli | Is-Sindku qalet li fis-6 ta' Jannar saret laqgħa mal-Ministru fejn attendew il-Viċi-Sindku, Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv u fost oħrajn iddiskutew xogħolijiet pendenti fi Triq Xrobb l-Għaġin u Ħajt il-Wied. Tlabna li meta jinbidlu l-*mains* tal-ilma u dranaġġ, jsir wiċċ ġdid. Semmew ukoll diversi proġetti sostenibbli bħal *smart furniture*, toroq bl-LEDs u panelli li qed nippruvaw inġibu l-fondi għalihom. | Sindku |
| 01. | 2 | 14 | | Sindku: Laqgħa mar-Reġjun Xlokk | Is-Sindku qalet li saret laqgħa ma' VR Tours li ser ikunu qed jisponsorjaw filmat qasir dwar il-parroċċa. | |
| 01. | 2 | 15 | | Sindku: Ġebel San Martin | Is-Sindku qalet saret talba għad-devoluzjoni ta' art u hemm il-ħsieb li jsir *Private Partnership* sabiex il-Kunsill ikollu d-dħul minnu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Caruana Ray ġibed l-attenzjoni dwar diversi ħsarat li qed isiru u ser ikun qed jiżdied id-dawl. Caruana irringrazzja lill-pulizija għar-rondi li qed isiru u naqqsu ħafna minn dan il-vandaliżmu. | Sindku / Caruana Ray |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 16 | | Sinku: Tħawwil ta' siġar | Is-Sindku qalet li grazzi għall-ftehim li lħaqna sar diversi tħawwil ta' siġar fejn bdejna bi Triq Ħaż Żabbar fejn aħna ħallasna biss għat-tindif wara li qabel saru l-konok. Irringrazzjat lil Callus Garden Centre għal siġra li tawna wara li nsterqet dik li kienet tħawwlet fi Triq Ġużeppina Curmi. | Sindku |
| 01. | 2 | 17 | 11.03.03 | Sindku: Gazebo | Is-Sindku qalet li l-proġett ġie inawgurat fil-11 ta' Jannar fejn attendew l-Onor. Owen Bonnici, Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, l-Onor Carmelo Abela, l-Onor Hose' Herrera kif ukoll is-Sindku, Viċi-Sindku, Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv. | Sindku |
| 01. | 2 | 18 | | Chircop: Tnehdija tal-Mobile App | Chircop qal li din it-tnehdija ser isir it-Tnejn, 15 ta' Frar il-Kunsill Lokali | Chircop |
| 01. | 2 | 19 | 11.09.03 | Chircop: PA07428/20 | Chircop qal li aħna għaddejna l-kummenti tagħna pero għadna ma rajniex żvilupp dwar dan. | Chircop |

**01 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/21. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 1 | 03 | DLG: Allokazzjoni Finanzjarja | Ser inkunu qed napplikaw għal dawn il-fondi u nagħmlu pjan ta' attivitajiet. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 2 | 04 | DLG: Immaniġjar ta' skart | Ser jiġu maħtura sitt uffiċjali sabiex ikunu jistgħu jgħinu l-Kunsill dwar immaniġjar ta' skart, fondi, ICT, proġetti, ambjent u kultura. | |
| 01 | 3 | 3 | 18 | Ħsara fuq vettura | Dwar dan kien hemm diskussjoni u qbil dwar dan u ser jingħata l-ammont bħala kumpens. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 4 | 19 | Ħsara fuq vettura | Dwar dan kien hemm diskussjoni u ma kinx hemm qbil peress li jidher li t-talba hija esaġerata. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 5 | 20 | | Sar qbil li nikkumentaw kontra dan ix-xogħol. | |
| 01 | 3 | 6 | 21 | Lovin Malta: filmat dwar il-lokal | Proposta minn Lovin Malta sabiex isir filmat dwar il-lokal ta' €2100. Ma kinx hemm qbil dwar dan. | |
| 01 | 3 | 7 | | Oġġett biex niddisponu minnu | Ġie muri ritratt ta' kompjuter li kellu jinbidel u ser niddisponu minnu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 8 | | Sindku: Proġett Open Cinema | Is-Sindku resqet għad-diskussjoni dwar proġett imressaq li jsir open drive in cinema f'Wied il-Għajn li għalkemm mhux fil-lokal ser jaffetwana. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu kontra dan il-proġett. | |

**01. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 4 | 1 | | Chircop: Restawr tal-Kappella tas-Salvatur | Is-Sindku u Chircop marru jaraw ix-xogħol li miexi tajjeb ħafna. | Sindku / Chircop |
| 01. | 4 | 2 | | Camilleri: Triq il-President A. Buttigieg | Camilleri staqsiet dwar it-Traffic Management. Is-Sindku wieġbet li ma kellniex tweġiba ċara. Caruana staqsa jekk hux ser isir central strip pero jidher li mhux ser isir. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 4 | 3 | | Baldacchino: Parkeġġ tas-suq | Baldacchino qal li kien hemm komunikat fejn qalulna li lesti li jgħinuna f'dan il-proġett. | Baldacchino |
| 01. | 4 | 4 | | Caruana Ray: Triq Dun Pawl Brunchell | Caruana qal li hemm problema f'din it-triq. | |
| 01. | 4 | 5 | | Viċi-Sindku: Trqi il-Faqqus | Il-Viċi-Sindku qalet li s-sinjali f'din it-triq għadhom ma sarux. Staqsiet ukoll dwar parkeġġ riservat fi Triq San Klement. | |
| 01. | 4 | 6 | | Viċi-Sindku: Boroż Ħodor | Il-Viċi-Sindku qalet li s-issa għadhom ma ġabux il-boroż u ser ninqabdu mingħajr boroż sabiex jitqassmu lir-residenti. | Viċi-Sindku |
| 01. | 4 | 7 | | Fenech: Cat neutering | Fenech qalet li l-vawċers bdew jitqassmu. Ser ikun hemm ukoll il-Vet on Wheels u ser jibdew jibagħtu invoice kull xahar sabiex jitħallsu. | Fenech |

**01. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 5 | 1 | | Camilleri: Triq il-Ħaddiema | Camilleri qalet li hemm bżonn isir tindif f'din it-triq u titwaħal tabella tal-iskart. | Caruana Ray |
| 1 | 5 | 2 | | Caruana Roderick: Kompetizzjoni | Caruana ippropona li għandha tiżdied l-isbaħ faċċata. | |
| 1 | 5 | 3 | | Chircop: Blokka fi Triq San Klement | Chircop qal li hemm applikazzjoni għal blokka u ser ikun hemm problema fid-drenaġġ. | Chircop |
| 1 | 5 | 4 | | Fenech: Triq Santu Wistin | Fenech qalet li għandna niddiskutu u nsibu soluzzjoni għal din il-problema minħabba problema kbira ta' immaniġjar tat-traffiku.. Ssema wkoll parkeġġ fi Triq Mikiel Busuttil. | |
| 1 | 5 | 5 | | Baldacchino: Żbir ta' siġar | Baldacchino qal li ser jibda ż-żbir ta' siġar mill-kuntrattur. | Baldacchino |
| 1 | 5 | 6 | | Caruana Ray: Triq John Borg | Caruana qal li hemm biċċa bankina li tkissret fi Triq John Borg k/m Triq Lorenzo Gafa'. Talab li nerġgħu napplikaw ma' TM għall-barriers. | Caruana Ray |
| 1 | 5 | 7 | | Chircop: Applikazjoni | Chircop qal li applikajna għal fondi ta' €3000 mal-M.U.Y.A. sabiex isir ktieb dwar id-djaletti. | Chircop |
| 1 | 5 | 8 | | Sindku: Ġbir ta' fondi | Is-Sindku qalet li nġabru €405 li ser ikunu qed jgħaddu lill-MCCF. | Sindku |
| 1 | 5 | 9 | | Sindku: Kuntratt ta' DPO | Is-Sindku qalet li ġie itterminat il-kuntratt tad-DPO peress li r-reġjun ħareġ sejħa u ser ningħadu magħhom. | Sindku |

**01. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 6. | 1 | | Fenech: Għoti tad-demm | Fenech qalet li fl-14 ta' Frar ser jerġa' jkollna l-bank tad-demm għal dawk kollha li jixtiequ jagħtu d-demm. | Fenech |

**01. 7.** ***Performance Bonuses;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 7 1 | | *Performance Bonuses* | Ġew diskussi l-performance bonuses tal-ħaddiema klerikali u kien hemm qbil unanimu li għandu jingħata l-massimu lil impjegati kollha. Issemma li l-ħaddiema tal-customer care għandu jingħatalhom refresh course. | |

**01. 8. Rapporti ta' ħidma;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku talbet lill-kunsilliera sabiex sal-aħħar ta' Jannar jgħaddu r-rapport ta' ħidma sabiex jiġi preżentat waqt il-laqgħa pubblika. | |

**01. 9. Xogħlijiet;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 9. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li ser insebbħu spazji miftuħa fosthom Misraħ Santa Marija. Id-dog park beda x-xogħol u qed jitwaħħal il-fence u għandu jkun lest sa xahar ieħor. Triq il-Kbira s-servizzi huma lesti, beda jingħata t-tarmak u ser isir pavimentar mill-Kunsill fl-ewwel parti tat-triq minn naħa tal-pjazza. Triq Wied il-Għajn trid issirilha bażi soda qabel tiġi miksija bit-tarmak. | Sindku |

**01. 10. Deċizjonijiet dwar attivitajiet tal-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 10. 1 | | Ġieh iż-Żejtun | Kien hemm qbil unanimu li dan jiġi mċaqlaq għal Lulju dejjem jekk titjieb is-sitwazzjoni minħabba l-pandemija. | Chircop |

**01. 11. Ġardinara;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Sindku | Is-Sindku qalet li rċevejna żewġ applikazzjonijiet oħra u ser ikun qed isir intervista ma' dawn ż-żewġ applikanti. | |

**01. 12. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 12. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/21 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. 12. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 01/21 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. 12. 3 | | *Petty Cash* - Diċembru 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €112.50 | Segretarju Eżekuttiv |

**01 13 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 13 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa | |

**01 14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:11pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar 2021 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFRIMATA

Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv